# QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 431/2024/1**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs.**

***Omissis***
***Omissis***
**Mohamed Mohamed Ali**
***Omissis***

Illum 29 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-akkużati *OMISSIS, OMISSIS,* **Mohamed Mohamed Ali** (detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 539016(L)) u *OMISSIS* akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja:

lil *Omissis*, *Omissis* u Mohamed Mohamed Ali flimkien talli b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet

differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

fil-lejl ta' bejn it-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024) u t-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa 54, Triq ix-Xagħra ta' Barra, Mellieħa:

1. laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħlu biex ibigħuhom jew imexxuhom;

għall-ħabta ta' bejn is-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) tas-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024) u l-erbgħa ta' wara nofsinhar (16:00hrs) tat-tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Triq San Bernard, Marsa:

2. ikkommettew serq ta' sett ta' pjanċi minn vettura tal-għamla Mazda Demio, liema pjanċi għandhom in-numru ta' reġistrazzjoni MFT 918 għad-dannu ta' Mariah Falzon u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra, liema serq hu ikkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

nhar id-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024), għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa u nofs (05:30hrs) u t-tmienja u nofs (08:30hrs) ta' filgħodu fil-ħanut Reggie's Bakery li jinsab ġewwa Triq il-Kavallieri ta' Malta, Marsaskala u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

3. ikkommettew serq ta' flus kontanti għad-dannu ta' Reggie Gauci, Natalie Scerri u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra, liema serq seħħ permezz ta' sekwestru fuq il-persuna, u liema serq hu ikkwalifikat bil-vjolenza u mezz;

4. bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwetraw lil xi persuna kontra

l-volonta' tagħha, jew jagħtu l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, u ċioè Natalie Scerri;

għall-ħabta ta' bejn l-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30hrs) tal-għoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024) u s-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30hrs) tal-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Triq ix-Xagħra ta' Barra, Mellieħa:

5. ikkommettew serq ta' ċavetta ta' vettura tal-għamla Porsche Cayenne ta' lewn abjad bin-numru ta' reġistrazzjoni KBV 861 u kif ukoll ta' karta' ta' kreditu għad-dannu ta' Alexander Polidano u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra minn ġewwa vettura tal-għamla Land Rover li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni SOF 131, liema serq hu ikkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin;

għall-ħabta ta' bejn l-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30hrs) tal-għoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024) u s-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30hrs) tal-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Triq il-Linja, Attard:

6. fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommettew serq ta' vettura tal-għamla Porsche Cayenne ta' lewn abjad bin-numru ta' reġistrazzjoni KBV 861 għad-dannu ta' Alexander Polidano u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bil-ħin, bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024):

7. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq

ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Alexander Polidano, liema ammont ta' ħsara magħmula huwa ta' aktar minn ħames mitt Euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef Euro (€5,000) billi ntużat karta ta' kreditu tal-imsemmi Alexander Polidano;

nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn is-siegħa (01:00hrs) u l-erbgħa (04:00hrs) ta' filgħodu ġewwa l-ħanut Lewis's Jewellery ġewwa Misraħ il-Kebbies, Santa Venera:

8. bil-ħsieb li jisirqu oġġetti, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom, għad-dannu ta' Joseph Lewis u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn l-erbgħa (04:00hrs) u s-sebgħa (07:00hrs) ta' filgħodu ġewwa l-ispiżerija Anici Pharmacy ġewwa Triq Anici, Qormi:

9. bil-ħsieb li jisirqu oġġetti, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom, għad-dannu ta' Simon Corrieri u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn it-tlieta (03:00hrs) u s-sitta

(06:00hrs) fl-istabbiliment Klikk li jinsab ġewwa Triq it-Torri, Birkirkara:

10. bil-ħsieb li jisirqu oġġetti, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom, għad-dannu ta' Gordon Zammit u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

bejn it-tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024) u t-tlieta u għoxrin (23) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024) fl-istess ħinijiet, lok u ċirkostanzi:

11. għamlu użu minn numru ta' identifikazzjoni xort'oħra minn dak mogħti mill-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari;

nhar id-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin:

12. assoċjaw ruħhom flimkien bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta u ċioè li jikkommettu serq minn ġewwa l-ħanut bl-isem Lewis's Jewellery li jinsab ġewwa Misraħ il-Kebbies, Santa Venera għad-dannu ta' Joseph Lewis u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

LIL *OMISSIS* akkużat waħdu talli:

13. [...]

LIL *OMISSIS* akkużat waħdu talli:

14. [...]

15. [...]

16. [...]

17. [...]

18. [...]

LIL Mohamed Mohamed Ali akkużat waħdu talli mill-wieħed u għoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) 'il quddiem, f'diversi nħawi f'dawn il-Gżejjer:

19. kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

20. biegħ jew xort'oħra traffika l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' Artikolu 8(e) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

LIL *OMISSIS* u *OMISSIS* akkużati waħidhom talli:

21. [...]

LIL *OMISSIS* akkużat waħdu talli:

22. [...]

LIL *OMISSIS*, *OMISSIS*, Mohamed Mohamed Ali u *OMISSIS* akkużati flimkien talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' April tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024):

23. assoċjaw ruħhom flimkien bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta u ċioè li jikkommettu serq minn ġewwa residenza u ċioè 54, Triq ix-Xagħra ta' Barra, Mellieħa għad-dannu ta' Alexander

Polidano u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tqis lill-imputati *OMIISSIS* u *OMISSIS* bħala li saru reċidivi *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienu nstabu ħatja ta' sentenzi mogħtija lilhom mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija għar-reati hawn fuq imsemmija, tħaddem kontra l-ħati jew ħatjin d-dispożizzjonijiet ta' Artikoli 15A u 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija għar-reat jew reati hawn fuq imsemmija, tħaddem kontra l-ħati jew ħatjin d-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 532B u/jew ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà tal-partijiet leżi.

Rat l-atti proċesswali kollha, kemm dawk miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u kif ukoll dawk miżmuma quddiem din il-Qorti.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma fil-25 ta' April 2024 u fid-9 ta' Mejju 2024 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fejn, fost l-oħrajn, l-akkużat Mohamed Mohamed Ali irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni huwa kkonfermaha wara li l-Qorti

msemmija tagħtu żmien sabiex jerġa' jikkunsidra l-istess ammissjoni u jerġa' lura minnha.

Rat in-Nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fis-17 ta' Mejju 2024 (*a fol.* 69) li permezz tagħha, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, qal is-segwenti:

> "Jiddikjara li huwa rċieva l-atti skennjati tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Luis Maxim Kunzel et** nhar l-għaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024) u dan wara li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ordnat li l-atti tal-kumpilazzjoni jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali *ai termini* ta' Artikolu 392B tal-Kodiċi Kriminali u dan stante li l-imputat **Mohamed Mohamed Ali** fis-seduta ta' nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) stqarr li huwa ħati tar-reati li bihom ġie akkużat, liema ammissjoni huwa kkonferma fis-seduta ta' nhar id-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024).
>
> Jiddikjara wkoll *ai termini* tal-Artikolu 392B(2) tal-Kodiċi Kriminali, illi l-imputazzjonijiet kif addebitati lill-imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u li għalihom l-imputat irreġistra l-ammissjoni fuq imsemmija, għandhom jitqiesu bħala Att ta' Akkuża għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi."

Rat illi din il-Qorti appuntat il-kawża għas-smiegh għas-seduta ta' tal-4 ta' Ġunju 2024.

Rat illi r-Rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Mohamed Mohamed Ali ppreżentat fl-24 ta' Lulju 2024 fejn ingħad is-segwenti:

> "Illi nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024), ir-rikorrent akkużat **Mohamed Mohamed Ali** irreġistra ammissjoni quddiem l-

Onorabbli Qorti tal-Maġistrati li huwa kien ħati tar-reati kollha li bihom ġie imputat;

Illi permezz ta' nota ippreżentata nhar is-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024), ir-rikorrent Avukat Ġenerali ddikjarat, *ai termini* tal-Artikolu 392B(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi l-akkużi kif addebitati lill-akkużat **Mohamed Mohamed Ali** quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u li għalihom l-akkużat rreġistra ammissjoni skont il-liġi, għandhom jitqiesu bħala Att ta' Akkuża għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

Illi filwaqt li jagħmlu referenza għal tali ammissjoni u għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 392B(5)(a) tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), ir-rikorrenti konġuntivament jiddikjaraw li qegħdin jaqblu, u konsegwentement qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi fuq ir-rikorrent akkużat **Mohamed Mohamed Ali** piena ta' **priġunerija effettiva għal perjodu ta' erba' (4) snin u ħames (5) xhur, flimkien ma' multa ta' ħamest elf ewro (€5,000),** u dan oltre kwalsiasi sanzjoni, spejjeż u/jew konsegwenza oħra mandatorja konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta' mobbli u immobbli appartenenti lill-istess rikorrent akkużat **Mohamed Mohamed Ali**.

Illi fl-aħħar nett u għal kull buon fini, l-esponenti jirrilevaw illi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom dwar il-piena kif hawn fuq maqbula, ittieħed in konsiderazzjoni dak li jipprovdu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101, applikabbli **b'żewġ (2) gradi** (dan kif ser jiġi dikjarat mill-ufficjal investigattiv fl-udjenza li jmiss dwar l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu)."

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-seduta miżmuma llum quddiem din il-Qorti l-akkużat Mohamed Mohamed Ali nforma lil din il-Qorti li kien konxju tal-konsegwenzi tal-ammissjoni ta' ħtija tiegħu hekk kif reġistrata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Apparti minn dan, l-akkużat imsemmi nforma lil din il-Qorti li kien qed jaqbel ma' dak li hemm imniżżel fir-Rikors konġunt tiegħu u tal-Avukat Ġenerali liema Rikors ġie ppreżentat fl-24 ta' Lulju 2024 u huwa nforma wkoll lil din il-Qorti li kien qed jaqbel mal-piena hemm imsemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata u sussegwentement ikkonfermata mill-akkużat Mohamed Mohamed Ali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-25 ta' April 2024 u fid-9 ta' Mejju 2024, din il-Qorti tiddikjara lill-akkużat imsemmi ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u li ġew elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena li għandha tiġi erogata minn din il-Qorti fil-konfront tal-akkużat Mohamed Mohamed Ali għall-imputazzjonijiet addebitati lilu, din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom:

- il-fedina penali tal-akkużat (*a fol.* 64) illi hija waħda kompletament nadifa;

- l-ammissjoni bikrija tiegħu hekk kif reġistrata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li jirriżulta li saret fil-bidu nett tal-proċeduri tiegħu hekk kif miżmuma quddiem l-imsemmija Qorti;

- il-fatt li din il-Qorti ġiet infurmata li f'dan il-każ japplika Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta applikabbli b'żewġ gradi;

- ix-xiehda mogħtija mill-iSpettur Lydon Zammit fis-seduta tallum.

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. *Omissis* u Alessandro Giuseppe Gandolfo** (Niumru 4/2017) fejn il-Qorti Kriminali saħqet li fir-rigward tal-piena nflitta meta persuna tagħmel ammissjoni bikrija l-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fasslu l-linji gwida li l-Qorti għandha ssegwi liema linji gwida huma ndikati, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-24 ta' Frar 1997 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi** u fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Lulju 2002 kif ukoll il-Blackstone's "Criminal Practice" (Blackstone Press Limited 2001 Edit).

Illi fis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** (Numru 152/2002) mogħtija fis-17 ta' Lulju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "8. [...] Ir-regoli ġenerali li għandhom jigwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni ġew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari tagħha tal-24 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi***, u dan b'referenza għall-prassi fil-Qrati Ingliżi. F'dik is-sentenza kienet saret referenza għal bran mill-edizzjoni tal-1991 ta' **Blackstone's Criminal Practice** (Blackstone Press Limited). Din il-Qorti ser tirriproduċi il-bran relevanti mill-edizzjoni tal-2001 ta' dan il-

manwal, u dan peress li hija taqbel mal-principji espressi f'dana l-bran u qed tagħmilhom tagħha[1]:

> "Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate 'discount' has never been fixed. In *Buffery* (1992) 14 Cr. App. R. (S) 511 Lord Taylor CJ indicated that 'something in the order of one-third would very often be an appropriate discount', but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities (*Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (*Morris* (1988) 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* (1995) 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* (1985) 82

[1] "S'intendi, dan kollu li ser jingħad huwa bla preġudizzju għal dawk id-disposizzjonijiet tal-liġi li jipprovdu għal tnaqqis fil-piena meta javveraw ruħhom ċerti ċirkostanzi espressament imsemmija fl-istess disposizzjonijiet: eż. l-Artikoli 89, 200(1) u 337 tal-Kodiċi Kriminali, jew l-Artikolu 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101)."

> Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 415. The leading case in this area is *Costen* (1989) 11 Cr. App. R. (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount might be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain. It was also established in *Costen* that the discount may be reduced where the accused pleads guilty to specimen counts. In *Byrne* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 165 it was held that an offender who had absconded and remained at large for 19 months was not entitled to expect a discount for his guilty plea when he pleaded guilty after being re-arrested.""

**Ikkunsidrat**

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq din il-Qorti tqies li għandha taderixxi mal-piena kif patteġġjata bejn l-Avukat Ġenerali u l-akkużat Mohamed Mohamed Ali fir-Rikors konġunt tagħhom li ġie ppreżentat fl-24 ta' Lulju 2024, liema piena jiriżulta li hija waħda fil-parametri tal-liġi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat

Artikoli 18, 41(1)(a), 48A, 86, 261(a), 261(b), 261(c), 261(f), 261(g), 262(1), 263, 267, 270, 271(g), 308, 310(1)(b) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

Artikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta

u

Artikoli 8(d), 8(e), 22(1)(a), 22(2)(a) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta,

issib lill-akkużat Mohamed Mohamed Ali ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal perjodu ta' erba' (4) snin u ħames (5) xhur priġunerija u kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' ħamest elef Euro (€5000.00).

**Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**